Avviz Numru CCT 437/11/GZ

**Conrad Montebello u Bernice Gauci**

**vs**

**Windmill Aluminium Ltd.**

Illum 7 ta' Novembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Ottubru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu l-ammont ta' erbat elef Ewro (€4000.00) (parti minn liema talba giet imwarrba hekk kif jirrizulta mill-firma u d-dikjarazzjoni tar-rikorrent, li kull ammont mit-talba tieghu 'l fuq minn tliet elef erbgha mija erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06) qieghed jitwarrab), rapprezentanti 'credit voucher' li kellu jissarraf bhala parti minn servizz, pero' liema credit 'voucher' baqa' ma ssarrafx da parti tas-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Kienu xtraw post minghand 'E & C Developments Ltd' u ma' dan il-post kellhom voucher/credit tal-valur ta' erbat elef Ewro (€4000.00), liema voucher kellu jissarraf minghand is-socjeta' ntimata f' 'aluminium' manifatturat.

Ir-rikorrenti kienu marru jiehdu stima fuq 'aluminium' tat-tip 'Euro EU standard', fejn semmew il-voucher/credit imsemmija. Is-socjeta' ntimata kienet qaltilhom li kollox kien sew u li l-voucher/credit imsemmi kienet ha tonorah u sahansitra s-socjeta' ntimata taghthom 'sample' tal-'profile' biex fuqu r-rikorrenti jkunu jistghu jahdmu l-livell tal-madum.

X'hin ir-rikorrenti regghu marru t-tieni darba biex jikkonfermaw l-ordni bil-qisien ezatt, is-socjeta' ntimata qaltilhom li ma kenitx ser ittihom xejn. X'hin ir-rikorrenti staqsew lis-socjeta' ntimata ghaliex ma kenitx ser tonora l-voucher/credit, hija qaltilhom li kienet iffirmatu biex taghmel pjacir lil 'E & C Developments Ltd.'

Ir-rikorrenti ma ghandhomx jaqsmu fl-affarijiet ta' bejn is-socjeta' ntimata u l-kumpanija 'E & C Developments Ltd' u ghalhekk huma qed jitolbu li s-socjeta' ntimata taghtihom l-materjal mahdum u mwahhal fil-post, u li jekk hemm xi differenza fil-valur ta' erbat elef Ewro (€4000.00), huma lesti li jhallsuha huma stess, imbasta jkun tat-tip 'Euro EU Standard'.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Illi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza *rationae volaris* biex jiehu konjizzjoni ta' l-azzjoni odjerna minhabba l-fatt illi l-valur tat-talba teccedi s-somma ta' Ewro 3,444.06.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, qieghda tigi sollevata l-inkompetenza *rationae materiae* minhabba l-fatt illi ma sar ebda bejgh jew xiri, ma nghatat ebda servizz u ma gew ikkonsenjati ebda oggetti mill-esponenti favur ir-rikorrenti.

Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju, kwalunkwe 'voucher' jew 'credit note' li nghata kien soggett ghall-hlas minghand E & C Developments Ltd ta' ammont ekwivalenti favur l-esponenti, liema hlas ma sarx.

Illi in oltre, l-esponenti tichad illi qatt ikkonfermat ordni bl-iskop illi l-prezz tax-xoghol jitnaqqas kontra 'voucher' jew 'credit note'.

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Bl-ispejjez.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub, fejn ziedu illi huma kienu nghataw 'voucher' bhala 'credit note' biex isir xi xoghol ta' 'aluminium' bih. Stqarru wkoll illi kienu nghataw tali 'voucher' minghand is-Sur Charles Mangion.

Ir-rikorrenti ezebew kopja ta' skrittura privata ffirmata mis-socjeta' ntimata u mill-kumpanija 'E & C Developments Ltd' u datata *18 ta' Gunju 2010,* li gie mmarkat bhala Dok.CM; u dokument li juri l-isem ta' Conrad Montebello fuq il-lista ta' persuni li kienu ntitolati ghal voucher/credit ta' erbat elef Ewro (€4000.00) u li kellu jissarraf mis-socjeta' ntimata, li gie mmarkat bhala Dok.CM1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi s-Sur Carmel Mangion huwa d-debitur tas-socjeta' ntimata. Li kien hu li kellu xi kambjali u xi propjeta' b'konvenju u li sa llum dawn ghadhom ma ssarfux. Is-Sur Mangion kellu dejjem ihallas il-kambjali li qatt ma gew onorati. Kompliet tistqarr illi hija qatt ma kkonfermat xi ordni mar-rikorrenti. Kien is-Sur Mangion li kien tahom il-'credit note'. Din ma kenitx intiza bhala rigal. Barra minn hekk is-socjeta' ntimata stqaret illi hija qatt ma ltaqat mar-rikorrenti.

Fuq talba tat-Tribunal, ittellgha jixhed quddiemu is-Sur Carmel Mangion in rapprezentanza ta' 'E & C Developments Ltd', fejn bil-gurament huwa xehed illi huwa d-direttur tal-kumpanija 'E & C Developments Ltd'. Ir-rikorrenti kienu klijenti tieghu u li huma kienu ghamlu deal fuq tliet progetti fejn ftehmu fuq xi barter ma' propjeta' u flus. Ir-rikorrenti xtaqu li l-materjal ikun differenti u anke riedu jzidu xi flus bhala differenza. Kienet inharget 'credit note', pero' huwa ma jiftakarx li kien prezenti dak il-hin. Ikkonferma illi hija l-firma tieghu fuq Dok.CM.

It-Tribunal, qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' intimata, a bazi tad-dikjarazzjoni ffirmata mir-rikorrenti stess li kull ammont mit-talba taghhom 'l fuq minn tliet elef erbgha mija erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06), (tliet elef u hames mitt ewro (€3500.00) hekk skond l-Artikolu 20 tal-Kapitolu 378), qieghed jitwarrab.

It-Tribunal wara li ha konjizzjoni ta' l-Artikolu 2(ii) tal-Kapitolu 378, b'referenza specifika ghall-parti hemm dedotta fejn jinghad: *"inkluzi oggetti jew servizzi li jigu pprovduti bhala parti minn skemi ta' rigali u thajjir iehor simili jew analogu"*, qieghed jichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' ntimata. B'dana illi l-'credit voucher' fil-kontest tal-kawza in ezamina certament jaqa' fl-ambitu ta' servizz li gie pprovdut b'mod analogu ghal skemi ta' rigali ecc, u cioe' per precizjoni, il-'credit voucher' in kwistjoni m'huwiex qed jitqies bhala 'skema ta' rigali' pero' bhala tranzazzjoni in konsiderando tal-hlas,

liema transazzjoni ghalhekk ghandha tigi kkwalifikata bhala servizz li ser jinghata versu hlas.

It-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tal-provi, partikolarment tad-dawl illi l-iskrittura privata (Dok.CM) ma kienet soggetta ghal l-ebda tip ta' kondizzjoni, qieghed jichad ukoll it-tielet eccezzjoni tas-socjeta' ntimata.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizz taghha lejn ir-rikorrenti konsumaturi, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' tliet elef u hames mitt Ewro (€3500.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**